MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 480/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Stefan Stivala**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hmistax-il lira Maltija u disghin centezmu (Lm415.90), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01978 in rigward ghall-servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru, 2001 u Lulju, 2002;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta'l-20 ta' Dicembru, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-**

**imghaxijiet sa-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Peter Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hmistax-il lira Maltija u disghin centezmu (Lm415.90), bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Dicembru, 2002 sad-data tal-pagment effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Dicembru, 2002, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------